**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A08-07

30 ta' Awissu 2007

**<u>Avviż tal-Laqgħa Nru K5/08</u>**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **it-Tnejn 3 ta' Settembru 2007, fl-4.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Aġġudikazzjoni u Approvazzjoni *Tender Housing Estate*
6. Seħja għall-Offerti – Ċentru Għall-Attivitajiet.
7. Reazzjoni dwar *Bye Laws* ta' l-2007 dwar tlajjar f'toroq speċifikati f' Ta' Xbiex maħruġa mill-Kunsill Lokali Ta' Xbiex.
8. Affarijiet Oħra
9. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett LL.D.
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

5 t' Ottubru 2007

Ref Nru.Klg5/008

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/08 li saret it-Tnejn 3 ta' Settembru 2007.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-4.00 p.m.

Preżenti

Seba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joseph Camilleri, Malcolm Camilleri, Ian Micallef u Albert Rizzo flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

*Chairman*

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-30 t' Awissu 2007.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Paġna 2 para 2.4. – il-Viċi-Sindku qal li invista tal-materja diskussa, jkun aħjar li jiġu annessi l-minuti li saret referenza għalihom fl-istess paragrafu (ara *Appendix* Nru.1a) mal-minuti tal-laqgħa li saret fl-10 t'Awissu 2007, sabiex kull Kunsillier ikollu l-informazzjoni meħtieġa.

Paġna 2 para 2.4. l-aħħar paragrafu – minħabba l-fatt li fil-Kunsill hemm diverġenza t'opinjoni dwar l-interpretazzjoni ta' l-*Letter of Acceptance*, din għandha titneħħa u minflok tinkiteb il-kelma 'ittra'.

Iċ-*Chairman* qal, li f'paġna 2 para 2.2. għandha tiżdied is-sentenza wara l-paragrafu li jispiċċa jista' jattendi ll-laqgħat, raġuni oħra kienet li xtaq li jkun preżenti l-Kunsillier Albert Rizzo u kien għalhekk li nbidel il-ħin tal-laqgħa bħala l-*minority leader* u bl-ebda disrispett lejn il-Kunsillier Ian Micallef.

Dawn l-emendi ġew approvati b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Il-minuti kif emendati, ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri.

## 2. Materji Konnessi

2.1. Paġna 2 para 2.3. – Il-Kunsillier Albert Rizzo nforma li l-membri tal-Kumitat tal-*Gżira United Football Club*, li jieħdu ħsieb jorganizzaw it-tombla fil-Ġnien qalulu li ma kienux sejrin tajjeb tant, li kienu qed jikkunsidraw li jwaqqfu l-attivita'.

Il-Kunsillier Anthony Abela żied jgħid, li għalkemm il-Kunsill kien provdilhom *container* fejn jerfgħu l-affarijiet, dan ma kienx qed jintuża.

2.2. Paġna 2 para 2.4. – Iċ-*Chairman* informa li dwar din il-materja kienet saret laqgħa tal-Kunsill b'urġenza datata l-Ġimgħa 31 t'Awissu 2007, fejn ġiet diskussa l-ittra li l-Kunsill irċieva mill-Avukat tas-Sur Galdes u rrisposta maħruġa mill-Avukat tal-Kunsill. Din ir-risposta ntbagħtet dak in-nhar stess tal-laqgħa.

2.3. Paġna 3 para 2.5. – Il-Kunsillier Joe Camilleri nforma li l-*Billboard* mill-Ġnien tneħħa.

2.4. Paġna 3 para 3.3. - Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*Interfold Hand Towel Dispenser* ġie nstallat.

2.5. Paġna 3 para 3.4. – Il-Kunsill ġie nfurmat li dak in-nhar stess tal-laqgħa, l-Perit tal-Kunsill kien bagħat il-Kunsill kopja ta' l-ittra li hu bagħat lir-*Revenue Section – Works Division* fejn fiha dan id-Dipartiment ġie nfurmat li l-ammont dovut mill-Kunsill, kien tħallas kollu u għalhekk it-talba għall-ħlas addizzjonali ta' Lm449.57/€1047.22 mhux dovut mill-Kunsill u mhux ser jitħallas.

2.6. Paġna 3 para 3.5. – Il-Kunsillier Malcolm Camilleri nforma li kien għadu ma ġabx l-irċevuti mingħand il-Kappillan minħabba l-fatt li dan kien indispost.

2.7. Paġna 3 para 3.7. – Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol tat-tindif tal-*culverts* kien beda' s-Sibt 1 ta' Settembru 2007, minn naħa ta' l-A1 Bar.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li għalkemm kienet għamlet kuntatt ma' l-persuna responsabbli minn dawn ix-xogħlijiet, dan ma taħiex il-*programme of works* kif ukoll, infurmaha li x-xogħlijiet qed isiru wara l-4.00 p.m. minħabba li huma kkunsidrati bħala *extra works*. Madanakollu, l-Kunsill iddeċieda li għandhom jagħtuna l-informazzjoni mitluba.

2.8. Paġna 4 para 3.8. – Il-Kunsill ġie nfurmat li n-nominazzjoni tas-Sur - Sollars kienet intbagħtet.

2.9. Paġna 4 para 3.11. – Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol tat-tranġar ta' żebgħa skond it-talba tas-Sur Vella, ġie ordnat.

2.10. Paġna 5 para 3.12. – Il-Kunsill ġie nfurmat li mill-kuntatt li sar mal-Kap tas-sezzjoni responsabbli mill-*Pelican Lights*, dawn qed jibqgħu mixgħula erbgħa u għoxrin siegħa. Il-Kunsillieri preżenti kkonfermaw li dan ma kienx il-każ u għalhekk, il-Kunsill għandu jerġa' jagħmel kuntatt.

2.11. Paġna 6 para 5.1. – Għall-mistoqsija tal-Viċi-Sindku dwar riviżjoni fil-*Cash Budget*, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din kienet saret.

2.12. Paġna 7 para 6.1. – Il-Kunsill ġie nfurmat li t-*tender* tat-tindif kien ġie ppubblikat u jagħlaq fl-4 t'Ottubru 2007 fis-2.00 p.m.

2.13. Paġna 7 para 7.1. – Il-Kunsill ġie nfurmat li d-dokument tat-*tender* tal-*patching* għadu ma ġiex ppubblikat minħabba l-fatt li qed issir l-aħħar reviżjoni tiegħu għaliex fl-istess dokument ser jiġi nkluż ukoll, *kerb re-instatement works*.

2.14. Paġna 7 para 8.1. – Il-Viċi-Sindku nforma li meta tkellem mar-rappreżentant ta' l-F.T.S. dan issuġġerixxa li minflok ħajt isir kanċell. Madanakollu, din il-materja ried jiddiskuiha f'aktar dettal minħabba li kellu riżervi dwarha.

2.15. Paġna 8 para 9.1. – Minkejja li l-laqgħa tal-lokalita' ġiet msejjħa t-Tnejn 27 t'Awissu 2007, ebda resident m'attenda. Invista tal-fatt, li saru emendi fil-kummenti tas-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv talbet għall-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri mar-Rapport Amministrattiv 2006/2007 kif ġie emendat.

2.16. Paġna 9 para 10.1. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-mirja ġew ordnati, l-Perit intalab iħejji l-istimi rigward it-*traffic calming cushions*, l-*business cards* ġew ordnati, sar kuntatt mat-TcTc u ġejna nfurmati li għat-tieni parti tal-kors, erba' residenti biss kienu applikaw kif ukoll, li l-korsijiet ser isiru darbtejn fil-

ġimgħa mit-3.30 p.m. sal-5.00 p.m. u ġiet iffissata laqgħa mal-Viċi-Sindku minħabba li l-proċess użat minn din id-ditta ma ntgħoġobx u sar kuntatt ma' l-Assistent Direttur tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali, s-Sur Silvio Frendo, fejn dan informa li l-Kunsill ma jistax jirrimborża fuq bażi regolari lis-Sindku kif ukoll, lanqas jista' jħallas parti mill-kont tal-*mobile* tiegħu minħabba li mhux reġistrabbli fuq il-Kunsill. Ir-raġuni l-għala d-Dipartiment m'oġġezzjonax għad-deċiżjoni tal-Kunsill rigward il-linja 79341034 kienet, minħabba li jkun hemm *direct billing* fuq il-kont tal-Kunsill.

Iċ-*Chairman* qal, li fir-rispett tal-materja tal-*mobile*, kien ser jiddiskutiha f'aktar dettal wara l-laqgħa kif ukoll, din kienet tikkonċerna anke l-Kunsillieri kollha minħabba l-ammont ta' telefonati li jsiru minnhom personalment fuq xogħol tal-Kunsill.

2.17. Il-Kunsillier Joe Camilleri nforma li minħabba x-xogħlijiet ta' *patching* fi Triq Reggie Miller u invista tal-fatt li l-Kuntrattur qal li ma kellux *signages*, il-Kunsill xtara ħames sinjali kif ukoll, il-bust ta' William Apap kien ittieħet għand il-brunżar u x-xogħol li hu stmat ċirca Lm150.00/€349.41 ser ikun lest sa l-aħħar t' Ottubru 2007.

2.18. Invista tal-fatt, li l-Kunsillier Ian Micallef informa li kien ser jattendi tard għall-laqgħa, s-Segretarju Eżekuttiv qalet li hu kien talab, li mal-lista tat-*traffic calming cushions*, tiżdied oħra fi Triq Reggie Miller, il-parti ta' fuq.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

2.19. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll, li l-Kunsillier Ian Micallef ried jressaq xi kjarifika u talab li jkun jista' jagħmel dan meta jidħol fil-laqgħa.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

## 3. Korrispondenza

3.1. Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-3 ta' Settembru 2007 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

3.2. Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom.

3.3. *e-mail* datata 31 t'Awissu 2007, mibgħuta mill-Avukat tal-Kunsill Dott Edward Woods fejn fiha talab li jsiru xi korrezzjonijiet fil-minuti tal-laqgħa li saret fit-13 ta' Lulju 2007, li kienu;

i. Paġna 6 para 6.3 – il-kelma 'konvenju' tinbidel ma' 'emenda' u għalhekk l-aħħar parti ta' l-aħħar sentenza ta' l-ewwel paragrafu tinqara, 'li anke kieku kien reġistrat u tiġi tranġata klawsola waħda minnu li ma tkunx ġiet reġistrata, l-emenda xorta tkun nulla.

ii. Paġna 6 para 6.3 – fl-aħħar paragrafu trid titneħħa l-frażi ‘ m’hemm xejn x’jorbot assolutament’.

iii. Paġna 7 fit-tieni paragrafu – wara l-kliem ‘il-*Letter of Acceptance* kienet’, trid tiddaħal il-kelma ‘segwita bi’ u tkompli s-sentenza ‘konvenju li ma ġiex reġistrat skond il-Liġi u għalhekk kien *null and void*’.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel ma’ dawn l-emendi b’mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

Il-Kunsillier Joe Camilleri ssuġġerixxa li, jekk ikun hawn xi persuna esterna qabel ma jiġu approvati l-minuti, nitolbu l-konferma tagħhom dwar dak li jkun ġie miktub.

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri qal, li hu ma jaqbilx ma’ dan is-suġġeriment għaliex b’hekk jista’ jingħata lok li bniedem jinduna b’xi żball u jikkoreġieh. Għalhekk, il-Kunsill għandu dejjem ikun gwidat bir-*recording* tal-laqgħat.

Il-Viċi-Sindku qabel ma’ dak li qal il-Kunsillier Malcolm Camilleri.

3.4. Il-Kunsill qabel unanimament b’mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri mal-kwotazzjoni tad-Dormax Press sabiex jiġu stampati erbgħin ktieb ta’ l-irċevuti għall-użu tal-Kunsill għall-ammont ta’ Lm53.10/€123.69.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li kwotazzjoni kienet intalbet lil din id-ditta biss, minħabba li kienet din id-ditta li ssupplixxiet lill-Kunsill bil-kotba preċedenti ta’ l-irċevuti.

Invista ta’ l-ammont u ta’ dak li ntqal mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill qal li m’hemmx għalfejn jinħarġu kwotazzjonijiet oħra.

3.5. Il-Kunsill ġie nfurmat li kien diġa’ ssottometta n-*no objection* tiegħu għall-*Walkathon* li ser tiġi organizzata minn Sna Francesca Rizzo bħala kampanja kontra l-vjolenza domestika.

3.6. Tressaq *statement Ref:* 982 mibgħut mill-Korporazzjoni Għas-Servizzi ta’ l-Ilma dwar talba għall-ħlas ta’ Lm2993.50/€6972.98. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li dan l-ammont kien jifforma parti mill-ħlas li sar permezz ta’ ċekk HSBC 004790 għall-ammont ta’ Lm7469.50/€17,399.26, li ntbagħat lill-Korporazzjoni hawn fuq msemmija flimkien m’ ittra li tispjega li dan l-i*statement* ġie eżawrit. Hi kompliet tgħid, li l-Kunsill reġa’ nforma lill-Korporazzjoni Għas-Servizzi ta’ l-Ilma permezz ta’ korrispondenza datata 15 ta’ Mejju 2007.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b’mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li, l-Kunsill għandu

jerġa' jikteb lil din il-Korporazzjoni fejn filwaqt li terġa' tiġi spjegata din il-materja, jiġu nfurmati wkoll li l-Kunsill ser jinjora kull talba ta' ħlas dwar is-suġġett hawn fuq msemmi.

3.7. Inqrat ittra mibgħuta mill-lukanda Waterfront, kkuppjata lill-Kunsill datata 30 ta' Lulju 2007, dwar talba għal tqegħid ta' mwejjed, siġġijiet u *sunshades* quddiem il-lukanda fi Triq ix-Xatt Gżira.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li l-Kunsill jissottometti l-kummenti tiegħu meta jintalab mid-Dipartiment ta' l-Artijiet kif ukoll, il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li qed isir xogħol preparatorju biex il-Kunsill jinforma lil kull min qed joħroġ kull tip ta' materjal biex jirregolizza l-pożizzjoni tiegħu skond l-avviż legali 119/2002.

3.8. Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li jinxtara *TFT Screen* għall-prezz ta' Lm79.50/€185.19 VAT eskluża għad-D/Segretarju Eżekuttiv.

3.9. Rigward it-talba mis-Sur Michael Stivala sabiex jinstalla *tower crane* quddiem Nru. 41 Triq Ponsonby Gżira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li l-Kunsill għandu jimxi mal-proċeduri stabbiliti.

Fir-rispett ta' talba oħra mill-istess applikant għall-installazzjoni ta' *tower crane* fi Triq ix-Xatt, il-Kunsill ġie nfurmat li kien qed jistenna n-*no objection* minn *Network Infrastructure Directorate* u s-Sezzjoni tat-Traffiku tal-Pulizija u tad-Distrett qabel ma jinħareġ il-permess u dan skond kif kien ġie diskuss waqt laqgħa tal-Kunsill li saret is-Sibt 30 ta' Ġunju 2007 u anke b'eżitu ta' laqgħa li s-Sur Stivala kellu mas-Sindku u l-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri.

3.10. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza hi disponibbli.

Il-Kunsillier Ian Micallef daħal għall-laqgħa fil-5.00 p.m.

3.11. F'dan l-istadju, l-Kunsillier Albert Rizzo staqsa l-għala l-*Management Letter* ma kienitx ser tinqara' bħala parti mill-korrispondenza fil-laqgħa u dan għaliex meta hu dak in-nhar stess kien spezjona l-*incoming mail*, kien qaraha.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li hu jixtieq kopja tagħha.

Iċ-*Chairman* wieġeb, li hu xtaq li l-ewwel jaraha hu fid-dettal minħabba l-fatt, li s-Segretarju Eżekuttiv infurmatu biha kif daħal il-Kunsill biex jattendi għall-

laqgħa, filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din kienet waslet dak in-nhar stess tal-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv kkumentat, li kif irċiviet l-*Management Letter* bil-*fax*, ċempel l-*external Auditor* is-Sur Joe Scerri fejn talabha biex jagħmel kuntatt mal-Viċi-Sindku minħabba li dak il-ħin ma kienx il-Kunsill kif ukoll, għall-mistoqsija tiegħu meta kienet ser issir il-laqgħa tal-Kunsill, hi nfurmat li kienet appuntata għal dak in-nhar stess fl-4.00 p.m.

Il-Viċi-Sindku kkonferma li sar kuntatt miegħu mill-Awditur li nfurmah sabiex il-*Management Letter* titressaq fil-laqgħa tal-Kunsill u milli kien qed jifhem hu, dan kien qed jagħmlu sabiex jara l-opinjoni tal-Kunsill. Hu kompla jgħid li kien ta' l-impressjoni li din titressaq ma' l-*accounts* kollha.

Il-Kunsillier Joe Camilleri kkummenta u qal li fl-opinjoni tiegħu l-*Management Letter* m'għandiex toħroġ mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Ian Micallef wieġeb li la waslet il-Kunsill, dan hu dokument u la hu dokument, kien qed jitlob kopja tiegħu.

Filwaqt li l-Kunsillier Albert Rizzo rrimarka għall-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar u staqsa x'ried ifisser biha żied jgħid, li hu ma jaqbilx mal-mod ta' kif din ġiet mibgħuta l-Kunsill minħabba l-fatt li ma kienitx fuq *letter head* u lanqas iffirmata, l-Kunsillier Ian Micallef żied jgħid li apparti dak li kien għadu kemm qal il-Kunsillier Albert Rizzo, l-*Management Letter* kienet mibgħuta għall-attenzjoni tal-Viċi-Sindku, kien hemm spazju bejn il-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar u ta' l-aħħar kif ukoll, abażi tal-kummenti tal-Viċi-Sindku, dan imur kontra l-indipendenza u l-awtonomija ta' l-*audit* li jsir mill-Gvern Ċentrali.

Iċ-*Chairman* talab lill-Kunsillier Ian Micallef jiċċara l-kummenti tiegħu minħabba li kien qed jagħmel allegazzjoni għall-liema kumment il-Kunsillier Ian Micallef qal, li ma kien qed jagħmel ebda allegazzjoni fil-konfront la tiegħu u lanqas tal-Viċi-Sindku. Il-kumment tiegħu dwar l-indipendenza u l-awtonomija ta' l-*audit*, kien qalu invista tal-fatt, li skond il-Liġi l-Awditur Ġenerali jaħtar Awdituri esterni li huma jridu jirrispondu lilu u mhux lill-Kunsill.

Il-Viċi-Sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu l-Awditur ried jara l-kummenti tal-Kunsill kif ukoll, li l-a*udit* ma jibqax awtonomu u ndipendenti jekk l-Awditur jinkludi kummenti fuq insistenza tal-Kunsill li ma jkunx lest li jagħmilhom u mhux li jisma x'għandu x'jgħid il-Kunsill. Hu żied jgħid li mhux possibbli li jsir *audit* billi jittieħdu biss il-figuri u l-Awditur ma jkellem lil ħadd.

Mill-ġdid ċ-*Chairman* rrimarka li din lanqas kellha titressaq fil-laqgħa tal-Kunsill għaliex ma kienitx iffirmata kif ukoll, hu xtaq li jara l-*Management Letter* u titressaq fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss flimkien mal-*Financial*

*Statements*, fl-liema fratemp, il-Kunsillieri jingħataw kopja u jkunu jistgħu jħejju l-kummenti tagħhom. Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-fatt li għadu ma rahiex is-Sindku, m'għandiex tingħata kopja tagħha waqt il-laqgħa.

Il-Kunsillier Albert Rizzo qal, li kien hemm deċiżjoni li kien aċċetaha hu fi żmien li kien Sindku, li la darba l-korrispondenza tiġi rreġistrata mis-Segretarju Eżekuttiv, l-Kunsillieri jistgħu jarawha u talab li din tinqara.

Minħabba l-fatt li l-Kunsillier Ian Micallef insista li ried kopja ta' l-ittra u l-Kunsillier Albert Rizzo qal li hu talab biss li tinqara u għalhekk tista' tiġi diskussa f'laqgħa oħra, ċ-*Chairman* talab lis-Segretarju Eżekuttiv taqra l-ittra.

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-*Management Letter*.

Il-Kunsillier Albert Rizzo qal, li hu ma jaqbel xejn mal-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar.

Iċ-*Chairman* wieġeb li hu jista' jispjegah għaliex wara li nqrat il-*Management Letter* kien qed jifhem il-kontenut ta' dan il-paragrafu li kien b'eżitu ta' eżerċizzju li l-N.A.O. kien qal lill-Kunsill li għandu jagħmel meta nfurmawh li kellhom xi mistoqsijiet u għalhekk, permezz ta' dan il-paragrafu kien qed jitlob biex jiġi nfurmat jekk il-mistoqsijiet li kienu staqsew kienux twieġbu jew le kif ukoll żied jgħid, li l-aktar persuna li kien qed jaħdem ma' l-Awditur kien, il-Viċi-Sindku.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li hu ma jaqbilx ma' l-interpretazzjoni li kien għadu kemm ta s-Sindku.

Għall-kumment tal-Kunsillier Ian Micallef dwar il-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar, il-Viċi-Sindku wieġeb li dan hu f'kuntest li jaqbel ma' dak li ġie diskuss mar-rappreżentant ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Awditur Ġenerali, l-Awditur Stephen Attard u l-Awditur estern maħtur mill-istess uffiċċju sabiex jagħmel l-*audit* tal-Kunsill s-Sur Peter Degiorgio waqt laqgħa li kienet saret qabel ma nbeda' l-*audit* għall-liema laqgħa, kienet preżenti wkoll, is-Segretarju Eżekuttiv u li għalhekk hu jaqbel ma' l-interpretazzjoni taċ-*Chairman*. Hu żied jgħid li n-numru ta' *queries* li huma staqsewh, l-Awditur ma għamilx referenza għalihom fil-*Management Letter* jiġifieri dan iffisser li sabhom tajbin.

Iċ-*Chairman* informa li matul il-laqgħa li għamel referenza għaliha l-Viċi-Sindku hu kien informa li ma kienx ser jiffirma l-*Financial Statements*, qabel ma jiġu ċċarati diversi punti finanzjarji minħabba li hu responsabbli mill-finanzi għall-liema deċiżjoni, kien hemm il-kunsens ta' l-Awditur Stephen Attard.

Mill-ġdid il-Viċi-Sindku kkumenta li dan kollu sar minħabba l-ħafna riżervi li huma kellhom tant, li anke riedu jsejħu *a General Audit* liema proċess, ġew infurmati li ma setgħux jagħmluh u għalhekk, kienu ressqu mistoqsijiet lill-Awditur estern, s-Sur Joe Scerri (*partner* ta' l-Awditur Peter De Giorgio) sabiex jiġu nvestigati dawn ir-riżervi matul dan l-*audit*. Invista ta' dan, hu kien tal-fehma li l-Awditur ried ikun jaf x'jaħseb il-Kunsill qabel ma titlesta l-*Management Letter* u għalhekk, is-Sur Joe Scerri talbu li tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill. Dan il-proċess ta' diskussjoni kellu jsir minħabba l-fatt li dan kien Kunsill ġdid u għalhekk, ried jigwida lill-Awditur dwar x'obbjettivi riedu li jintlaħqu permezz ta' l-*audit*.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li filwaqt li l-Kunsill kien qabel li din il-*Management Letter* għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss, ma jaqbilx mal-mod ta' kif il-Kunsill irċieva l-*Management Letter* kif ukoll, li kif kien qal aktar qabel, l-Awditur estern jirrapporta lill-Awditur Ġenerali u mhux lill-Kunsill. Hu kompla jgħid li kemm permezz ta' l-Assoċjazzjoni kif ukoll tal-Kunsill, saru *audits* minn diversi Awdituri u li kull wieħed għandu l-istil tiegħu bħal per eżempju l-B.D.O. li kien jitlob li jiltaqa' mal-membri ta' l-Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni kollha u jibgħat l-*Management Letter* wara li jkun diġa' ssottomettiha lill-N.A.O. biex b'hekk ma jpoġġi lil ħadd f'pożizzjoni li jista' b'xi mod jinflwenza dak li jkun ser jikteb.

Filwaqt li l-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss u li tista' tingħata kopja tal-*Management Letter* (*Appendix* Nru.1) lil kull Kunsillier, il-Viċi Sindku rrimarka li wieħed għandu japprezza li minkejja r-riżervi, huma aċċettaw ħafna affarijiet kif ukoll, il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li jista' jagħti l-każ li l-Awditur estern għamel hekk b'eżitu ta' sitwazzjonijiet li saru f'Kunsilli oħra.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

4.1. Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 211 sa Nru. 255 (ara *Appendix* Nru.2) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

4.2. Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru.211 sa Nru.255 kif ukoll l-infieq hawn fuq msemmi, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef.

## 5. Aġġudikazzjoni u Approvazzjoni tat-*Tender Housing Estate*

5.1. Iċ-*Chairman* spjega li kif kien ġie deċiż fil-laqgħa tal-Kunsill ta' 10 t'Awissu 2007, hu, l-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri flimkien mal-Perit Joe Bugeja u s-Segretarju Eżekuttiv għamlu laqgħa ma' l-orħos offerent għat-*tender* hawn fuq imsemmi, s-Sur Joe Desira għan-nom tad-ditta *Road Maintenance Services Ltd*. Il-Kunsillier Albert Rizzo m'attendiex għall-laqgħa minħabba li kien ma jiflaħx. Hu kompla jgħid li mill-mistoqsijiet

li sarulu, l-applikant kien nforma li hu reġistrat ma' l-A.D.T. fattur li l-Perit tal-Kunsill qal li dan kien importanti għaliex juri li hu kuntrattur li jżomm ma' ċertu *standards*.

Matul id-diskussjoni li saret, ċ-*Chairman* informa li meta tkellem ma' Kunsilli oħra fejn ħadem dan il-kuntrattur l-*feedback* kien pożittiv kif ukoll, l-Perit rrakkomanda lill-Kunsill biex jagħżel lil dan il-kuntrattur.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li s-Sur Joe Desira għan-nom tad-ditta *Road Maintenance Services Ltd,* għandu jkun il-kuntrattur li jirbaħ *tender* GLC03/2007 għall-prezz ta' Lm7663.17/€17850.38. Ix-xogħol huwa stmat li jkun konkluż bejn għaxra u tnax –il ġimgħa mill-ġurnata tal-laqgħa tal-Kunsill.

**6. Sejħa Għall-Offerti Ċentru Għall-Attivitajiet**

6.1. Iċ-*Chairman* fetah id-diskussjoni u qal, li qed tinħass il-ħtieġa li l-Kunsill ikollu Ċentru għall-Attivitajiet u b'eżitu tan-*North Harbour Plan* hu kien ta' l-opinjoni li dan isir fil-parti ċentrali ta' dan il-pjan. Il-Viċi-Sindku żied jgħid, li minħabba l-problema tal-*Cash Flow* u li dan kien proġett esperimentali, kien ta' l-opinjoni li l-Kunsill għandu joħroġ Sejħa Għall-Offerti ta' kiri.

Iċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu ll-kummenti tagħhom.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li filwaqt li jaqbel maċ-*Chairman* rigward in-*North Harbour Plan* madanakollu, fl-istess pjan hemm imsemmi li l-faċilitajiet eżistenti jiċċaqalqu għall-parti tal-lokalita' fl-*area* fejn hawn l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill kif ukoll, invista tal-fatt li l-bini fil-*village core* ma jintmissx, propjetarji ta' postijiet jibdew jgħollu rashom u jitolbu aktar fil-prezz.

Kemm ċ-*Chairman* kif ukoll, il-Viċi-Sindku qalu li kienu jaqblu ma' dak li qal il-Kunsillier Ian Micallef.

Matul id-diskussjoni, l-Kunsillier Ian Micallef talab konferma dwar jekk kienx hemm xi diskussjoni mas-Sur Michael Stivala għaliex hu stess kien qed jgħid li ġie offrut mill-Kunsill biex jikri l-post 123 Triq Cameron lill-Kunsill.

Iċ-*Chairman* wieġeb li l-*idea* ta' din l-inizjattiva hi, li tħares lejn il-postijiet kollha u tittieħed l-aħjar deċiżjoni fl-interess tal-Kunsill kif ukoll kompla jgħid, li l-informazzjoni kif waslet lill-Kunsillier Ian Micallef kienet skorretta. Dan għaliex filwaqt li hu fatt li personalment hu xtaq li l-Gżira Lions ma jinbiegħx, fil-proċess ta' l-iffirmar tal-kuntratt għall-bejgħ ta' dan il-post mill-Kunsill lilu, ċ-*Chairman* kien aċċennalu din l-*idea* u s-Sur Stivala kien talbu jżommu nfurmat.

Il-Kunsillier Joe Camilleri żied jgħid li jeżistu ħafna diċeriji tant, li ntqal ukoll, li hu personalment kien ha lill-Kumitat tal-*football* biex jaraw il-post.

Intant, matul id-diskussjoni li kienet għaddejja, l-Kunsillier Ian Micallef qal li:

i. hu ma jaqbilx li l-post jinkera iżda jinxtara. Dan għaliex d-deċiżjoni li l-Kunsill Lokali jixtri post għall-uffiċċju minflok ikompli jikri, ttieħdet wara li saret valutazzjoni fuq il-kera u għamel referenza għall-kumment imsemmi fil-*Management Letter* dwar *financial plans* li kienet għada kemm inqrat.

ii. qabel ma tinħareġ sejħa għall-offerti, l-Kunsill għandu jiddiskutiha mal-Perit.

filwaqt li l-Kunsillier Malcolm Camilleri staqsa jekk l-iskop ta' dan iċ-Ċentru kienx biex jintuża' bħala *Day Care Centre*.

Iċ-*Chairman* wieġeb li kien qed jiġi propost li s-sejħa għall-offerti tkun ta' kiri u mhux xiri minħabba li kif kien ġie spjegat aktar qabel, dan hu proġett esperimentali, li jekk ma jirnexxiex ikun aktar faċili għall-Kunsill biex joħroġ minnu. Fir-rispett tal-mistoqsija tal-Kunsillier Malcolm Camilleri, l-Viċi-Sindku wieġeb, li mhux l-iskop taċ-Ċentru li jkun għall-anzjani biss, iżda biex iservi għal diversi attivitajiet fosthom li jiġu organizzati korsijiet ta' lingwi, *Keep Fit* u żfin, inizjattivi li hu diffiċli li torganizzhom bir-riżorsi eżistenti. Hu żied jgħid, li l-post irid ikun komplut minn kollox u mingħajr ma jidħol f'kontraversja, l-problema li jinxtara s-sular ta' fuq kienet ir-*running costs* tiegħu.

Il-Kunsillier Ian Micallef żied jgħid li dwar is-sejħa għall-offerti tas-sular ta' fuq kienet għall-żewġ proposti, dik ta' Librerija u *Day Care Centre* kif ukoll, li l-aktar ċentri li kienu ta' suċċess kienu, fejn Kunsilli Lokali żvilluppaw Ċentru Ċiviku li jkun propjeta' tagħhom, bħalma sar f'Ħal Safi u anke aktar riċenti f'Ħal Qormi.

Il-Viċi-Sindku qal, li filwaqt li l-Kunsill kien qed jaqbel fil-prinċipju, ma kienx qed ikun hemm qbil fuq il-lokazzjoni u fuq l-*idea* ta' kiri minflok xiri.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-Kunsill jista' joħroġ sejħa għall-offerti li jikri post bl-opzjoni li jixtrieh, ma' liema suġġeriment qabel il-Kunsillier Ian Micallef u żied jgħid li l-Kunsill jista' jippubblika s-sejħa għall-offerti bi tlett alternattivi, jiġifieri, kiri, kiri bl-opzjoni ta' xiri u xiri. Hu kompla jgħid, li l-Kunsill Lokali jista' joħloq *bench marks* għal numru ta' snin sabiex il-Kunsill ikun jista' jippjana finanzjarjament.

Minkejja li kemm ċ-*Chairman* kif ukoll il-Viċi-Sindku qalu, li huma tal-fehma li l-post għaċ-Ċentru għandu jkun b'kiri minħabba li jekk iddaħħal l-opzjoni

ta' xiri din tkun onoruża u tista' tinfluwenza d-deċiżjoni tal-Kunsill kif ukoll, il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li hu jeskludi n-numru ta' snin fl-opzjoni ta' xiri, l-Kunsill Lokali qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li jsir Kumitat magħmul mis-Sindku bħala *Chairman* u Kunsillier minn kull Partit Politku flimkien mal-Perit tal-Kunsill kif ukoll, li s-sejħa għall-offerti għandu jkollha żewġ alternattivi jiġifieri kiri u kiri bl-opzjoni ta' xiri.

**7. Reazzjoni dwar *Bye Laws* ta' l-2217 dwar tlajjar f'Toroq speċifikati f'Ta' Xbiex**

**7.1.** Iċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillier Ian Micallef sabiex iressaq il-kummenti tiegħu minħabba l-fatt, li kien hu li ppropona li din il-materja tiġi diskussa.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal li jaqbel mal-*Bye-Laws* tal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex u l-argument tiegħu kien, li in vista tal-fatt li ssemmew ċertu toroq, dan ser iwassal biex il-problema tat-tlajjar tersaq aktar lejn il-Gżira, fattur li kien diġa' qed iħasseb lir-residenti ta' Triq il-Ġnien, Triq San Ġorġ u t-toroq tal-madwar u kien għalhekk, li kien qed jipproponi lill-Kunsill sabiex jagħmel l-istess ħaġa.

Iċ-*Chairman* qal, li filwaqt li hu ma jarax l-effettivita' tagħha partikularment minħabba l-fatt, li din ġiet applikata biss f'ċertu toroq, hu kien jaqbel mal-proposta tal-Kunsillier Ian Micallef.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Ian Micallef, ssekondata miċ-*Chairman* li jibda l-proċess tal-*Bye-Laws*.

**8. Affarijiet Oħra**

**8.1.** Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li mill-minuti ta' l-10 t'Awissu 2007, hemm propost li ssir *STOP Sign* ħdejn il-*Pelican Lights*, iżda s-sinjal li jrid jsir hu *STOP ON AMBER or STOP WHEN LIGHTS ARE OFF*.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

**8.2.** Il-Kunsill ġie nfurmat li:

i. s-Sur David Grasso kien ser jorganizza attivita' oħra '*Wednesday Summer Nights* mingħajr ħlas.

ii. jsiru *hand rails* fejn hemm ir-rampi għall-Persuni bi Bzonnijiet Speċjali fi Triq ix-Xatt man-naħa tal-baħar.

iii. s-Sur Cilia għan-nom ta' l-Għaqda Sajjieda Delettanti Gżira talab lill-Kunsill jinfurmah jekk il-bankina proposta waqt laqgħa li l-Għaqda kellha mal-Kunsill, kienitx ser issir.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li nirringrazzjaw lis-Sur David Grasso, li jsiru żewġ *hand rails* u l-bankina fi Triq ix-Xatt.

8.3. Il-Kunsillier Joe Camilleri ta' rendikont ta' l-inċident li kien ġara' lilu s-Sibt 1 ta' Settembru 2007. Hu spjega li wara li kien irċieva telefonati f'din il-ġurnata għall-ħabta tas-07.15 a.m. dwar tfiegħ ta' materjal domestiku minn żewġ sulari għoli mingħajr ebda protezzjoni fi Triq Ponsonby, kien niżel fuq il-post u wara li qagħad xi ftit ħin hemm u ra x'kien qed jiġri, kif kien ser isuq biex imur iċempel lis-Sur David Soler ġie fuqu s-Sur Martin Stivala u beda juża kliem inġurjuż fil-konfront tiegħu. Saq aktar 'l quddiem biex iċempel lil David Soler fejn infurmah b'dak li kien qed jiġri u spjegalu x'kien għamillu. Is-Sur David Soler qallu li kien ser jibgħat Gwardjan Lokali fuq il-post u li kif il-Gwardjan ilesti, jitla flimkien miegħu l-Għassa Sliema biex jagħmel rapport. Wara ftit wasal il-Gwardjan Lokali fuq il-post fejn dan mar ikellem lis-Sur Stivala. Meta l-Kunsillier Joe Camilleri mar għall-Gwardjan biex jitilgħu l-Għassa, s-Sur Stivala reġa' beda juża kliem inġurjuż fil-konfront tiegħu u jgħeddu li jekk kien ser jagħmel pass ieħor kien ser itih xebgħa pala li s-Sur Stivala kellu f'idejgħ. Fost affarijiet oħra dan qallu 'Intom maħruqin għax ħadnilkom il-Gżira Lions Club flimkien ma' Bertu Rizzo'. F'dan l-istadju l-Kunsillier hawn fuq msemmi, talab lill-membri tal-Kunsill għall-appoġġ tagħhom.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsillier Joe Camilleri għandu jagħmel rapport l-Għassa u f'kull deċiżjoni li jieħu, l-Kunsill jissapportjah. Kumment, li l-Kunsillier Albert Rizzo qal li jaqbel miegħu mija fil-mija.

F'dan l-istadju, l-Kunsill ġie nfurmat li l-Ġimgħa 31 t'Awissu 2007, s-Sur Martin Stivala, kien ġie personalment il-Kunsill u wara li kkalma u ntalab ma' jgħaddix kummenti fil-konfront tal-Kunsillier Joe Camilleri għaliex dak li kien qed jagħmel kien biss li jaqdi dmiru bħala Kunsillier u mhux għaliex kellu xi ħaġa fil-konfront tas-Sur Stivala, dan kellu jerġa' jiġi t-Tnejn ta' wara biex jinforma x'tip ta' makkinarju goff li kien ser juża biex inizzel il-materjal kif propost mill-Kunsill. Dan għaliex il-Kunsill ma setax jagħtih permess biex ikompli jaħdem kif kien qed jagħmel.

8.4. Iċ-*Chairman* ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill artiklu li deher fil-ħarġa tal-Mument tal-Ħadd 3 ta' Settembru 2007, intitolat 'Il-Kunsilli Laburisti Kattivi mal-Ħaddiema' dik il-parti li tikkonċerna l-Gżira.

Għall-mistoqsija tas-Sindku lis-Segretarju Eżekuttiv jekk huwiex minnu dak li hemm miktub, il-Kunsillier Ian Micallef talab liċ-*Chairman* sabiex kemm is-

Segretarju Eżekuttiv kif ukoll, id-D/Segretarju Eżekuttiv joħorġu barra mill-laqgħa minħabba li din kienet materja politika.

Iċ-*Chairman* laqa' din it-talba.

F'dan l-istadju, dawn il-ħaddiema ħarġu 'l barra mill-laqgħa.

**9. Laqgħa Oħra**

**9.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-7.45 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiiv |

Ref Nru.K345/10/07

20 ta' Lulju 2007

Minuti tal-laqgħa li saret man-Nutar Dott. Sciriha fl-Uffiċċju tiegħu li qiegħed 27, Triq l-Isqof Scicluna Msida fit-3.30 p.m.

**Preżenti:**

Il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Rowena M. Borg u n-Nutar Dott. Joseph Sciriha.

Il-Viċi-Sindku ppreżenta kopja tal-*Letter of Acceptance* u tas-Sejħa għall-Offerti lin-Nutar Dr. Sciriha.

Wara li qara l-*Letter of Acceptance* u ta ħarsa ħafifa lejn il-partijiet tad-dokument ppubblikat (sejħa għall-Offerti), in-Nutar talab lill-Kunsill sabiex jiddeskrivi l-każ.

Il-Viċi-Sindku qal, li l-Kunsill preċedenti kien ppubblika s-Sejħa għall-Offerti GLC 2007-002 liema offerta, giet aġġudikata, mogħtija u sussegwentament nħarġet *Letter of Acceptance*, li kienet ikkunsidrata bħala konvenju liema konvenju, ma ġiex reġistrat, ergo waqa'.

Il-Viċi-Sindku qal, li l-Kunsill Lokali ried konferma li l-*Letter of Acceptance* hi konvenju liema konvenju ma ġiex rreġistrat u għalhekk waqa'.

In-Nutar Sciriha qal, li l-firem huma konvenju iżda l-unika ħaġa li ried jivverifika fir-regolamenti l-ġodda kienet, dwar ir-reġistrazzjoni. Hu kompla jispjega li, li setgħa ġara kien, li minħabba li ma kienx hemm Nutar awtorizzat mnizzel fil-*Letter of Acceptance*, C.I.R. kultant, ma jħalliehx li jsir ir-reġistrazzjoni iżda jekk il-venditur, mar biex jirreġistra u ma tħalliex seta' jitlob lill-Kunsill biex jawtorizza Nutar biex jirreġistra l-konvenju. 1% ried jitħallas mill-kompratur iżda ż-żewġ partijiet kienu jafu b'dan u l-argument hu li 1% jitħallas mill-Kunsill (kompratur).

Hu żied jgħid, li l-*Letter of Acceptance* hi konvenju u l-kwestjoni tar-reġistrazzjoni kienet waħda fiskali u parallela mal-konvenju.

Għall-mistoqsija tal-Viċi-Sindku ta minn kienet ir-responsabbilta' li l-konvenju jiġi reġistrat, in-Nutar Sciriha wieġeb, li l-liġi mhix ċara, iżda għal wieħed u għoxrin ġurnata l-*Letter of Acceptance* ġiet ffirmata kienet konvenju li jezisti. Madanakollu, dan hu suġġett għall-interpretazzjoni ta' l-Imħallef.

Il-Viċi-Sindku qal, li l-argument ta' l-Avukat kien, li s-Sejħa għall-Offerti ġiet mogħtija u ngħatat l-*Letter of Acceptance*, dan kellu jiġi reġistrat.

In-Nutar Sciriha reġa' tenna l-parir mogħti aktar 'l fuq.

Il-Viċi-Sindku talab lin-Nutar li jagħti l-parir bil-miktub, b'referenza partikulari jekk kienx reġistrabbli u dan minħabba l-fatt, li dan kien l-punt prinċipali tal-Kunsill Lokali.

In-Nutar Sciriha kkonkluda li għal wieħed u għoxrin ġurnata kien konvenju mis-6 ta' Frar 2007 iżda, li hemm nieqes kien dwar l-awtoriżazzjoni tan-Nutar biex ikun jista' jirreġistrah. Il-liġi titlob li n-Nutar jirreġistra għall-fini fiskali l-Kunsill issuġġerixxa li jistenna l-pożizzjoni ta' *Sundew Enterprises Ltd* u jaġixxi skond dak li jirċievi. Hu kien ser jagħti ħarsa dettaljata lejn id-dokumenti preżentati biex jagħti l-parir tiegħu bil-miktub.

Il-laqgħa ntemmet fl-4.15 p.m.

| | |
|---|---|
| Dunstan Attard | Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Viċi-Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gzira Local Council

**Ref No: K401/119/07**

**3 September 2007 KLG5/08**

| R/Sheet No: | Description | Value | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 211 | Ms Sandra Galea Ganutel etc Courses Oct. 2007 approved 30/06/07 klg5/003 | 490.00 €1141.39 | pending |
| 212 | Għaqda Mużikali Mount Carmel parti spejjeż festa approv 30/06/07 klg5/003 | 50.00 €116.47 | 5011 |
| 213 | Mr. A. Zammit hardware store invoice 3-182111 | 2.30 €5.36 | 5012 |
| 214 | Paul Tonna invoice 033867 locks for office glass door | 43.07 €100.33 | 5013 |
| 215 | Central Flower Shop invoice Nos: 6962/ 6966 A Kitcher & Kappillan | 20.00 €46.59 | 5014 |
| 216 | Benjamin Mangion Ltd invoice 5279 5 Wheelchair signs | 29.50 €68.72 | 5015 |
| 217 | Horace Enterprises Ltd invoice 3978 1 plaque | 14.16 €32.98 | 5016 |
| 218 | Allied Newspapers advert GLc04/07 Cleansing Services | 35.40 €82.46 | 5053 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **219** | **Standard Pubblications SPL 17151M Advert Locality Call** | **28.32 €65.97** | **5017** |
| **220** | **Media Link Adverts Locality Call & Tender 04/2007** | **59.00 €137.43** | **5052** |
| **221** | **Union Print Advert GLC03/2007** | **29.50 €68.72** | **pending** |
| **222** | **Union Print Advert Locality Call & Tender GLC04/2007** | **59.00 €137.43** | **pending** |
| **223** | **Guard & Warden Extra Services 21.08.07 Patching Reggie Miller** | **40.80 €95.04** | **5018** |
| **224** | **P.B.S. avviż laqgħa tal-lokalita' Contract No: 500500 27.08.07** | **5.25 €12.23** | **5019** |
| **225** | **D.O.I. Advert Locality Call 27.08.07 & Tender GLC04/2007** | **8.00 €18.63** | **5006** |
| **226** | **Gżira United Football Club spejjeż B.B.Q. 11.08.07** | **75.00 €174.70** | **5020** |
| **227** | **Allied Newspapers inv.AS1246104 Locality Call 27.08.07** | **35.40 €82.46** | **5021** |
| **228** | **Conmal Ltd invoice 1044 maint bozoz Manoel de Vilhena Belv/Moroni** | **45.56 €106.13** | **5022** |
| **229** | **Conmal Ltd invoice 1045 single bollard detachable opp Golden Harvest** | **36.00 €83.86** | **5023** |
| **230** | **Conmal Ltd invoice 1047 W058/W079 Luqa Briffa – Reggie Miller** | **56.73 €132.15** | **5024** |
| **231** | **Conmal Ltd invoice 1052 ġarr ta' materjal cement/Ramel** | **15.01 €34.96** | **5025** |
| **232** | **Conmal Ltd invoice 1063 maint bozoz W095 W106 W141 W142 Belv.St.Geor, Stuart Gnien** | **118.22 €275.38** | **5026** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **233** | **Conmal Ltd invoice 1065 bozza Ponsonby** | **17.00<br>€39.60** | **5027** |
| **234** | **Go Bill No: 8568955 Tel No: 21322157 Calls July 07 & Rent August 07** | **119.64<br>€278.69** | **5028** |
| **235** | **Go Bill No: 8567921 Tel No: 21341616 Calls July 07/ Rent August 2007** | **12.36<br>€28.79** | **5029** |
| **236** | **Go Bill No: 8567905 Tel No: 21334254/ 21341034 Calls July/Rent Aug 2007** | **39.80<br>€92.71** | **5030** |
| **237** | **Melita Cable Hello Service invoice No: 23954844 – Service & Calls** | **26.99<br>€62.87** | **5041** |
| **238** | **Venture Trading invoice No: 9530 Toner** | **52.00<br>€121.13** | **5031** |
| **239** | **Mr. Silvio De Leonardo – invoice No: 51 repair of air conditioners** | **23.00<br>€53.58** | **5007** |
| **240** | **K.C. Trading Ltd inv. 959596 Hand Towel & papers approved 10.08.07 Klg5/06** | **21.36<br>€49.76** | **5032** |
| **241** | **Mr.E. Mifsud invoice 2397608 Door to Door Collection September 2007** | **2400.00<br>€5590.50** | **5047** |
| **242** | **Mr. E. Mifsud invoice 2397609 Hire of of Skips September 2007** | **185.83<br>€432.87** | **5048** |
| **243** | **Merlin Library invoice No: 020663 – 35 books kindergarden** | **69.83<br>€162.66** | **5033** |
| **244** | **Alfa Co. Ltd. Invoice 42860 Toner for photocopier** | **62.54<br>€145.68** | **5034** |
| **245** | **Clentec Cleaning Services inv 4731 Cleaning of globes & Gazebos Strand** | **108.39<br>252.48** | **5049** |
| **246** | **Sundew Ent. Ltd inv. 009 – 01.01.07 30.06.07 WSC** | **452.84<br>1054.83** | **5035** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **247** | **Greenlines Env. Serv. Inv.11393 – 2 mobile Toilets July 2007** | **124.01 €288.87** | **5036** |
| **248** | **Greenlines Env. Serv. Inv.11430 Hire of two toilets for 7 days (03/07-09/07)** | **84.00 €195.67** | **5037** |
| **249** | **The Toolbox invoice 6414** | **2.22 €5.17** | **5038** |
| **250** | **Kumitat Festi Esterni Spejjeż festa approved 10.08.07 Klg5/005** | **150.00 €349.41** | **5046** |
| **251** | **A.K.L. Performing Rights Society Ċirk 54/07 approved 10.08.07 KLG5/005** | **8.00 €18.63** | **5039** |
| **252** | **Gżira United Football Club – bowser bl-ilma Nicholl Ground** | **11.00 €32.98** | **5051** |
| **253** | **Conmal Ltd invoice 1070 bozoz W024 Fleet Str u Triq Madonna tal-Gebla** | **56.32 €131.19** | **5040** |
| **254** | **Guard & Warden Service House Extra Service 29.08.07 Reggie Miller Patching** | **40.80 €95.03** | **Cancelled** |
| **255** | **Guard & Warden Service House Extra Service 31.08.07 Reggie Miller patching** | **20.40 €47.52** | **Cancelled** |

Ref Nru.K369/10/07

8 t'Awissu 2007

**<u>Minuti tal-ftuħ tat-Tender GLC03/2007 – Embellishment Works Gżira Housing Estate – Gżira</u>**

Id-data ta' l-għeluq tat-*tender* hawn fuq msemmija kienet is-7 t'Awissu 2007, fl-10.00 a.m. u preżenti għall-ftuħ kien hemm:

Il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-*tender* inġabret minn ħames ditti li kienu:

Environmental Landscapes Consortium Ltd
Road Maintenance Services
Schembri Infrastructure Ltd
Attard Bros. Co. Ltd
Catbros Ltd

iżda tlett ditti ssottomettew li kienu:

Attard Bros Co. Ltd
Catbros Ltd
Road Maintenance Services

Attard Bros Co. Ltd ssottomettew garanzija bankarja mal-B.O.V. għall-ammont ta' Lm250.00/€582.34 li hi valida sas-7 ta' Novembru 2007, il-lista ta' l-impjegati u l-perjodu ta' tmien ġimgħat sabiex jibda u jitlesta x-xogħol. Il-prezz kwotat kien ta' Lm10,444.54/€24,329.23 wara li tnaqqset il-5% *Contract Manager fee* kif ukoll, ta *discount* ta' Lm450.00/€1048.22. Għaldaqstant, l-ammont finali huwa ta' Lm9,994.54/€23,281.02.

Catbros Ltd ssottomettew garanzija bankarja mal-B.O.V. għall-ammont ta' Lm250.00/€582.34 li hi valida sas-7 ta' Novembru 2007, ġab kampjun tal-*paving blocks* u l-perjodu ta' għaxar ġimgħat sabiex jibda u jitlesta x-xogħol. Il-prezz kwotat kien ta' Lm10,906.00/€25,404.15 wara li tnaqqset il-5% *Contract Manager fee*.

Road Maintenance Services ssottomettew garanzija bankarja HSBC għall-ammont ta' Lm250.00/€582.34 li hi valida sas-7 ta' Novembru 2007, lista ta' l-impjegati, lista tal-makkinarju kif ukoll, il-perjodu ta' tmien ġimgħat sabiex jibda u jitlesta x-xogħol. Il-prezz kwotat kien ta' Lm7,663.17/€17,850.38 wara li tnaqqset il-5% *Contract Manager fee*.

Il-laqgħa ntemmet fil-11.15 a.m.

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv